MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 149/2010

**Grace Borg, karta ta' l-identita' numru 760251(M) u Andrea Milana, karta ta' l-identita' numru 46333 (A) it-tnejn f'isimhom proprju u bhala proprjetarji u rapprezentanti f'isem id-ditta operanti bl-isem "Exotique Record Label"**

**vs**

**Sergio Falzon u Marion Falzon, mizzewgin bhala l-legittimi rapprezentanti f'isem u in rapprezentanza ta' binthom minuri Thea**

**Falzon Garrett u l-istess minuri Thea Falzon Garrett, u b' nota tal-intimati tat-28 ta' April 2010 iddikjaraw li Thea Falzon ghalqet 18-il sena, u b' nota tat-30 ta' April 2010 tar-rikorrenti ddikjarat li taqbel li l-kawza titkompla fil-vesti personali ta' Thea Falzon Garrett biss u ghalhekk b' digriet tas-26 ta' Ottubru 2010 gew estromessi mill-kawza l-intimati Sergio Falzon u Marion Falzon.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Grace Borg et datat 17 ta' Frar 2010 ipprezentat quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

IIli r-rikorrenti dahlet f'kuntratt ma' l-intimata permezz ta' skrittura iffirmata mill-genituri in rapprezentanza ta' binthom minuri Thea Falzon Garret ta' sbattax (*recte - sbatax)*(17) -il sena u mill-istess minuri. Dan il-kuntratt, kopja esebita Dok A, kien ta' *exclusive artist agency and management agreement*; l-iskop kien illi ir-rikorrenta flimkien ma' *Music Director* u *Producer ta' Exotique Record Label* Andrea Milana jippromwovu u jizviluppaw lil Thea Falzon Garrett bhala artista fil-kamp muzikali tal-kant;

Illi r-rikorrenti, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni, ghamlet sforzi u nefqet flus u spejjez biex tippromuovi lil Thea Falzon Garett: din uzat il-kuntatti taghha u a spejjez taghha, ghamlet kuntatt ma' l-ufficcju ta' gestjoni ta' Gigi D'Alessio, u ta' Andrea Bocelli, zewg artisti kbar fix-xena internazzjonali. Fabizo Palma u ohrajn mit-team ta' Gigi D’Alessio wara li l-esponenta semmathom diversi CDs ta' kantanti Maltin, offrew lill-esponenta sabiex taghzel zewg kantanti biex jiehdu sehem f’kompetizzjoni li kienet ga ghaddejha fuq il-*website* ta' Gigi D'Alessio. Verament dan kien ic-cans sabiex iz-zewg kantanti Thea Falzon Garrett u Christabelle Borg akkumpanjaw lil Gigi D'Alessio *on tour*, gewwa Ruma. L-esponenti gabet a spejjez taghha lil persuna li kien responsabbli mill-*management* ta' Gigi D'Aleisio biex jivvaluta u jghin lit-talent ta' dawn l-artisti zghar, certu Fabrizio Palma bi spejjez ta' tliet elef *Euro* (€3,000) ghal jumejn;

Illi sussegwentement, l-intimata inghatat opportunita' biex taghmel *performance* f’*live concert* ma' Gigi D'Alessio, f’ Novembru 2009, gewwa Ruma, fejn kienu akkompanjati minn Andrea Milana. Ir-rikorrenti wkoll a spejjez taghhom taw opportunita' illi l-intimata taghmel *performance* f’Milan: f’dan il-kaz kienet akkumpanjata miz-zewg rikorrenti u hemm gew diskussi diversi opportunitajiet ghall-intimata fosthom il-possibbilta' ta' *recording* ta' kanzunetta li kienet inkitbet originarjament ghal Andrea Boccelli; jizdied jinghad illi l-*management* ta' Gigi D'Alessio ta opportunita` lil Thea Falzon Garrett u Christabelle Borg li taghmel *recording* ta' diska tal-Milied li saret. *Inoltre* sar xoghol ghal sottomissjoni ta' kanzunetta ghal Eurovision Malta b'kanzunetta miktuba minn kompozitur is-Sur Jason Cassar u awtur is-Sur Sunny Aquilina t-tnejn Maltin, izda ir-rikorrenti ma kienux wisq kuntenti b'din is-sitwazzjoni ghaliex kien hemm kompozitur esteru li ried li Thea tkanta diska tieghu;

Illi bhala sottofond ghandu jinghad illi r-rikorrenti Grace Borg f'isimha proprju u f'isem ghadd ta' artisti Maltin ippruvat izzomm lil PBS milli teskludi kompozituri u kantanti esteri mill-process ta' applikazzjoni;

Illi l-esponenti nefqet u inkorriet spejjez diretti kwazi eskluzivament hi; anke r-rikorrent l-iehor Andrea Milana kien jiffattura hin b'ammont ridott, ghenet lill-intimata Falzon Garrett; apparti dan, l-intimata ivvjolat il-kuntratt ta' *exclusive artist management agreement*; Grace Borg giet prekluza milli tigi konsidrata minn certi pozizzjoni anke mal-PBS billi kienet taghmel dan ix-xoghol ta' *artist management agreement* u b'hekk tilfet opportunitajiet ta' qligh;

Illi tul perijodu qasir ta' zmien, l-intimata sabet ruhha f'xi diffikultajiet li setghu ukoll ikunu familjari, b'konflitt mal-omm u ma baqghetx tikkollabora jew tonora l-kuntratt mar-rikorrenti; fil-fatt l-intimata abbandunat u bl-agir taghha unilateralment itterminat iI-kuntratt;

Illi ghalhekk l-intimata bl-agir taghha ivvjolat il-kuntratt u ftehim ta' agenzija bi vjolazzjoni tan-normattiva ta' l-Unjoni Ewropea u dik ta' dixxiplinata fil-Ligi Maltija nkluz il-kodici tal-Kummerc; *inoltre* f'korrispondenza mal-PBS, l-intimati regoli u normattivi ta' Ewropea u lokali dwar privatezza u Data Protection b'danni ghall-esponenti;

Illi l-esponenti investiet il-hin, spejjez u sofriet danni konsistenti f'telf ta' qligh u opportunijiet u danni reputazzjonali, f'negozju illi huwa wisq sensittiv ghal *image* u reputazzjoni, kif ukoll hija intitolata ghal danni u kumpens fit-termini tal-Ligi;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha tiddikjara u tiddeciedi:

1 Illi l-intimati jew min minnhom solidalment ivvjolaw il-kuntratt ta' *exclusive artist management agreement* li sar bejniethom;

2. Illi in konsegwenza ta' dan u ghar-ragunijiet ohra indikati fil-premessi tar-rikors, ir-rikorrenti sofrew danni, inkluzi telf ta' qligh u danni reputazzjonali, ghamlu hafna spejjez u tilfqu qligh u opportunitajiet;

3. Tillikwida l-ammont ta' danni inkluzi telf ta' qligh u danni reputazzjonali, spejjez u telf ta' qligh u danni naxxenti minn telf ta' opportunitajiet ghal liema ammont l-intimati jew min minnhom solidalment;

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom solidalment ihallsu l-ammont hekk likwidat.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-19 ta’ April 2010.

Rat ir-risposta ta’ Sergio Falzon u Marion Falzon u ta’ Thea Falzon Garrett datata 12 ta’ April 2010 (fol 72) fejn esponew: -

1 Illi l-azzjoni ntavolata mir-rikorrenti hija rivolta, infelicement u mhux skont l-procedura, kontra l-esponenti Sergio u Marion konjugi Falzon

**‘bhala l-legittimi rapprezentanti’** tal-esponenti l-ohra binthom Thea, kif ukoll kontra ‘**l-istess minuri Thea Falzon Garrett**’.

Legalment u fil-verita`, **l-unika kontradittrici** f’din il-kawza hija l-esponenti Thea, li llum hija **maggorenni**. Thea ghalqet tmintax-il (18) sena f’Marzu 2010.

2. Illi kif jidher car mill-iskrittura, li kopja taghha giet esebita mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur, u **kontrarjament** ghal dak illi gie dikjarat fl-istess rikors, l-esponenti Thea **ma ffirmatx** dik l-iskrittura. Ma jistax jinghad skont il-ligi illi bejn ir-rikorrenti Grace Borg u l-esponenti Thea Falzon Garrett kien sehh xi 'ftehim' vinkolanti.

Infatti, kif stqarr missier Thea fl-ittra tieghu lir-rikorrenti Grace Borg datata t-30 ta' Jannar 2010 (dokument A, esebita wkoll mir-rikorrenti) *'Thea was not aware that we signed the respective mandate and went as far as to accuse us that we signed without her consent’*.

Li jidher ukoll car mill-iskrittura esebita hu li omm Thea, Marion, giet mitluba tiffirma darbtejn.

3. Illi l-iskrittura li giet iffirmata kif qed jinghad b'ebda mod ma ssemmi lir-rikorrent Andrea Milana bhala parti fiha, u lanqas lil Grace Borg u l-istess Andrea Milana 'f’isem id-ditta operanti bl-isem **Exotique Record Label'**.

Tajjeb li jinghad illi 'l-inawgurazzjoni' tal-**Exotique Record Label** kellha ssir fit-30 ta' Ottubru 2009 kif jidher skont id-dokument (B) anness datat is-26 ta' Ottubru 2009.

Irid jinghad ukoll illi **kien kmieni fil-ghodu fil-5 ta' Novembru 2009** li ‘ttiehdet' il-firma ta' l-esponenti genituri ta' Thea ghall-iskrittura msemmija.

4. Illi ghalhekk ir-rikorrent Andrea Milana ma jista' jkollu l-ebda **'locus standi'** f'din il-procedura; u wisq anqas ma tista' r-rikorrenti Grace Borg tissieheb mar-rikorrenti l-iehor Andrea Milana biex tippromwovi xi interess **legalment proponibbli** ghad-ditta Exotique Record Label.

5. Illi fis-semplicita' tal-fatti jekk mhux ukoll fil-**kwadru patetiku tar-reghba evidenti min-naha tar-rikorrenti Grace Borg ghall-opportunatijiet ghaliha innifisha**, li wasslet biex issir din il-procedura, ma jistax wiehed ma jaghmilx riferenza ghal darb'ohra ghall-kitba (Dokument A) ta' missier Thea lir-rikorrenti Grace Borg.

Dik il-kitba ssemmi :

i) l-attitudni **xejn professjonali** tar-rikorrenti Grace Borg, l-aktar fil-konfront ta' l-esponenti Thea;

ii) spejjez ezorbitanti, **bla sens u gustifikazzjoni ta' xejn**;

iii) il-partecipazzjoni ta' Thea fil-**'Eurosong Contest'**, fejn kien car illi **sa minn Lulju 2009**, l-istess esponenti Thea kienet diga' impenjat ruhha (*'committed herself'*) ghar-rigward tal-kanzunetta partecipanti kif sottomessa lill-PBS Limited **fit-30 ta' Ottubru 2009**.

Illi ghandu jigi puntwalizzat fost l-iskorrettezzi li jinsabu fir-rikors promotur li (a) kienu l-genituri ta' Thea li ghamlu tajjeb ghall-ispejjez inkorsi biex l-istess Thea marret Milan; (b) Maestro Fabrizio Palma, kif jidher car ukoll mid-dokument (A) hawn esebit, ma giex mistieden Malta ghal Thea biss; (c) ma nghatat l-ebda awtorizzazzjoni lir-rikorrenti Grace Borg biex isir il-'launch' tal-kanzunetta **'My Tomorrow'**, u dwar dan qed jigi riservat espressament kull

dritt ta' azzjoni kontriha ghar-risarciment tad-danni konsegwenzjali -

Aktar minn hekk u b'riferenza ghal dak li jinsab allegat fis-sitt (6) paragrafu tar-rikors promotur, **mhu minnu xejn illi l'esponenti Thea 'tul perjodu qasir ta' zmien' sabet ruhha 'f'konflitt' ma' ommha**. L-uniku konflitt li qatt ezista kien u ghadu bejn dak misthoqq lil Thea u l-interessi personali ta' Grace Borg.

7. Illi ma jistax ma jinghadx ukoll illi fil-waqt li r-rikorrenti Grace Borg tinvoka, fazullament, in-normattiva ta' l-Unjoni Ewropea u 'l-Kodici tal-Kummerc' bhala tarka ghall-interessi taghha (is-seba' (7) paragrafu tar-rikors promotur), kif ukoll il-'privatezza' u 'Data Protection', hija ma kellhiex id-dicenza etika li tastjeni mill-kampanja vendikattiva taghha li ghadha ghaddejja sallum biex tisfratta l-possibiltajiet ta' Thea bhala partecipanti fil-'Eurosong Contest'. U dan meta hija naturalment konxja li ghandha kawza disputata pendenti quddiem il-Qrati taghna. Hawnhekk

ukoll qed jigi rizervat espressament kull dritt ta’ azzjoni skont il-ligi kontriha ghar-risarciment tad-danni li jirrizultaw (Dokumenti C, D, u E).

8. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bhala frivoli u vessatorji.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2010 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti rat in-nota tat-28 ta’ April 2010 u tat-30 ta’ April 2010 u ordnat li l-kawza tipprosegwi kontra Thea Falzon bhala konvenuta.

Rat ir-rikors tal-konvenuta Thea Falzon Garret datata 21 ta’ Frar 2011 a fol 123 tal-process fejn l-esponenti talbet lill-Qorti joghgobha tordna li ssir il-konnessjoni tal-kawza l-ohra fl-ismijiet riferiti, jigifieri **Rikors Guramentat bin-numru 495/2010RCP**, mal-kawza odjerna.

Rat is-surroga datata 13 ta’ Frar 2014 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Grace Borg et pro et noe datata 10 ta’ April 2014 a fol 234 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta Thea Falzon Garrett datata 1 ta’ Lulju 2014 a fol 241 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din l-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2014 meta ssejhet il-kawza deher Dr. John Vassallo ghall-konvenuta li nforma lill-Qorti li m' ghandux sottomissjonijiet ulterjuri x' jaghmel. Deher Dr. Patrick Galea ghall-atturi. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx sottomissjonijiet ulterjuri x' jaghmlu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi fil-kwalitajiet premessi taghhom qed jagixxu biex jenforzaw *exclusive artist agency and management agreement* li gie iffirmat bejn Grace Borg u mill-genituri ta' Thea Garret li kienet ghadha minorenni. L-atturi jallegaw li l-konvenuta kissret il-kondizzjonijiet ta' dan il-ftehim u qed jippretendu d-danni minghandha.

Il-konvenuta Thea Falzon Garret fl-ewwel lok opponiet ghat-talbiet attrici billi sostniet li din il-kawza ma setghetx tigi indirizzata kontra l-genituri taghha bhala l-legittimi rapprezentanti taghha peress li hija maggorenni u l-unika kontradrittrici; li hi ma ffirimatx il-ftehim (l-iskrittura **Dok.A)**; li Andrea Milana mhuwiex imsemmi f'din l-iskrittura u lanqas li Grace Borg u l-istess Andrea Milana ma dehru fuq l-iskrittura f'isem id-ditta **Exotique Record Label**; li ghalhekk Andrea Milana m'ghandu l-ebda *locus standi* f'dawn il-proceduri; fil-mertu li t-talbiet huma infondati ghad-diversi ragunijiet dedotti b'mod partikolari f'ittra li inkitbet minn missier l-intimata fit-30 ta' Jannar 2010 (**DOK A** anness mar-risposta guramentata a fol.77).

Illi l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata b'digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn gie ordnat li l-kawza tipprosegwi kontra Thea Falzon Garrett bhala konvenuta.[1] L-attrici b'nota pprezentata qabel din is-seduta ddikjarat li ma topponix li l-kawza titkompla kontra Thea Falzon Garrett biss.[2]

**Illi ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni mill-tiehu konjizzjoni aktar tal-ewwel eccezzjoni billi l-intimati Sergio u Marion konjugi Falzon gew estromessi minn din il-kawza.**

Illi l-fatti huma sintetikament is-segwenti. Il-konvenuta Thea Falzon Garrett kienet iltaqghet mal-attrici ghall-habta ta' Settembru 2009 u l-attrici hajritha biex tapplika ghall-*audition* biex tiehu sehem mal-kantant Gigi d'Alessio fl-Italja. Sussegwentement telghet Ruma (flimkien ma' kantanta ohra Christabelle Borg) u telghet ukoll Milan. Fil-1 ta' Novembru 2009 sar ftehim bejn Grace Borg u l-genituri ta' Thea Falzon Garrett li hija l-bazi tat-talbiet attrici. Dak iz-zmien Thea Falzon Garrett kienet ghadha minorenni u ma ffirmatx din l-iskrittura. Thea Falzon Garrett ghalqet 18-il sena fil-15 ta' Marzu 2010. Hi ippartecipat fil-*Eurosong Contest* f'Malta fejn giet l-ewwel, u gja r-relazzjonijiet ma l-attrici kienu tkissru tant li lejliet il-finali, l-attrici kienet talbet il-hlas ta' diversi eluf ta' ewro minghand il-genituri tal-kantanta. Jirrizulta wkoll li Grace Borg kienet baghtet diversi ittri li kienu jikkoncernaw il-kantanta lill-PBS, lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u sahansitra anke lill-Prim Ministru. Thea Falzon Garrett rebhet il- *Eurosong Contest* u lejliet li Thea kienet se titlaq lejn Oslo biex tirrapprezenta lil Malta fil-*Eurovision Song Contest*, Grace Borg fethet it-tieni kawza kontriha fejn talbet il-hlas tas-

[1] Digriet tas-26 ta' Ottubru 2010 a fol.90
[2] Nota a fol. 89.

somma ta’ €18,333. *Inoltre* Grace Borg talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta’ Sekwestru kontra Thea Falzon Garrett  ghal €18,333.

Il-kuntratt li l-atturi rreferew ghalih fir-rikors guramentat jinsab a fol. 5 tal-process. Fih jinghad li l-konvenuta Thea Falzon Garrett (*'the artist')* kienet qieghda tappunta lill-attrici Grace Borg -

“*as personal manager and sole and exclusive director coordinator, to represent the artists in all aspects of entertainment industry (inclusive publicity and type of media).  The appointment is valid for a period of one (1) year”.*  Fil-ftehim jinghad li: “*The artists shall not engage any other person, firm or corporation to act on their behalf and shall not act in such a capacity.  It is also agreed that all enquiries and offers of employment in the entertainment industry from any other person, firm or corporation shall be referred to the sole manager, who in turn agrees to negotiate such enquiries or offers on behalf of the artists*.”[3] Il-kuntratt iffirmatu l-attrici u l-ġenituri ta’ Thea Falzon Garrett.  Il-konvenuta Thea ma kenitx parti ghal tali ftehim.

Dan il-ftehim hu datat l-1 ta' Novembru 2009.  Din id-data hija kkontestata minn Sergio Falzon li jghid li hu u martu iffirmaw fil-5 ta' Novembru 2009.

Din il-Qorti mill-ewwel ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Andrea Milana mhuwiex firmatarju fuq din l-iskrittura filwaqt li Grace Borg iffirmat fil-kapacita' personali taghha u minn imkien ma jirrizulta xi

[3] Klawsola 6 tal-Ftehim.

riferenza ghad-ditta Exotique Record Label. Thea Falzon Garrett mhix firmatarja u ma jirrizultax li dan il-ftehim gie rattifikat minnha meta ghalqet l-eta` maggorenni. Il-partijiet vinkolati ghalhekk huma Grace Borg u Sergio u Marion Falzon li dehru bhala l-genituri ta' binthom. Difatti Marion Falzon iffirmat darbtejn, wahda f'isimha u ohra bhala "*legal guardian."*

Ghalhekk jirrizulta mill-ewwel u minghajr il-htiega ta' l-ebda approfondiment li t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet ghandhom jigu akkolti in kwantu Andrea Milana m'ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri. Fir-rigward tad-ditta operanti bl-isem *Exotique Record Label,* din ma tissemma xejn fl-iskrittura. Ghalhekk il-konvenuta qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' Andrea Milana personalment u fil-konfront tieghu u ta' Grace Borg in kwantu jittentaw din il-kawza "*bhala proprjetarji u rapprezentanti f'isem id-ditta operanti bl-isem 'Exotique Record Label.'*

**It-Tielet u r-Raba' Eccezzjonijiet qed jigu milqugha.**

**<u>Id-data tal-Ftehim</u>**

Il-partijiet mhumiex konkordi fuq id-data tal-ftehim. Fuq l-istess skrittura hemm miktub l-1 ta' Novembru 2009 filwaqt li Sergio Falzon xehed li Grace Borg kienet cemplitlu biex imur jiffirma l-ftehim meta bintu gja kienet l-Italja ghal *auditions.* Madanakollu fl-assenza ta' korrezzjoni tad-data, din il-Qorti ser taccetta l-1 ta' Novembru 2009 bhala d-data tal-ftehim.

Ikkonsidrat li din il-Qorti hija marbuta mal-kawzali u t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni u, fil-kawza odjerna, l-attrici qed tippernja t-talbiet taghha fuq il-ftehim iffirmat u esebit bhala **DOK A**. Dan il-ftehim m'ghandux effett retroattiv u kwalsiasi effikacja li jista' jkollu jolqot dak li sehh minn dik id-data 'l quddiem.

Ghaldaqstant f'kaz li t-talba tirnexxi, u dan jiddependi fuq dak li ser jigi deciz dwar ir-rabta kontrattwali *o meno* tal-konvenuta riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni sollevata, l-istess attrici ma tistax titlob remunerazzjoni ghall-prestazzjonijiet taghha antecedenti ghal dik id-data.

**<u>In-natura tal-Ftehim</u>**

L-attrici tippremetti li riedet tippromwovi lill-kantanta Thea Falzon Garrett u ghamlet sforzi kbar u investiet hin u flus ghall-gid taghha. Meta wiehed ihares lejn dan il-kuntratt u lejn il-provi prodotti, jirrizulta li l-attrici issurrogat lilha nnifisha fir-rwol tal-genituri biex tamministra l-karriera tal-minuri bl-aktar mod ampju u wiesgha. Dan ma ghamlitux ghal xejn peress li stipulat korrispettiv ta' 15% tad-dhul li setghet tircievi fit-terminu operattiv tal-kuntratt. B'dan ma hemm xejn irregolari, izda l-ftehim m’huwa xejn hlief negozju fejn l-attrici aggixxiet biex tassigura *return on investment* ghaliha - xejn izjed u xejn inqas - u kwalsiasi kliem li jipprovaw jikkonvincu lill-Qorti li kien hemm xi rieda altruwista da parti tal-attrici huma superfluwi.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Precizat dawn il-hsibijiet, il-Qorti ser tindirizza t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fejn tghid li l-ftehim mhuwiex vinkolanti fil-konfront taghha ghaliex ma ffirmatux.

Il-mistoqsija hawnhekk hi jekk Thea Falzon Garrett hiex marbuta ma' ftehim iffirmat mill-ġenituri taghha ghan-nom taghha meta hi kienet ghadha minorenni. Fil-fehma tal-Qorti din tqajjem diversi kwistjonijiet ta' dritt.

Bhala punti fattwali mhux in kontestazzjoni hemm is-segwenti:

i. Thea Falzon Garrett kienet minorenni meta l-ftehim gie iffirmat u ghalqet l-eta ta' 18-il sena fil-15 ta' Marzu 2010.

ii. Grace Borg kienet konsapevoli ta' dan il-fatt tant li Marion Falzon iffirmat ukoll fil-*veste* ta ' *legal guardian.'*

Id-difensuri tal-partijiet hadu zewg posizzjonijiet kontrastanti dwar din il-problema. Id-difensur tal-attrici jghid li gjaladarba il-genituri ta' Thea kienu vestiti bir-rapprezentanza legali taghha, kwindi agixxew validament bhala *legal guardians ta' binthom.*[4] Da parti tieghu, d-difensur tal-konvenuta jissottometti li skont l-**artikoli 969 u 970 tal-Kodici Civili,** ftehim li jkun sar minn minuri li jkun ghalaq l-14-il sena izda mhux l-eta` maggorenni, jiswa biss ghal dawk l-obbligazzjonijiet li jkunu gew ikkuntrattati ghaf-favur tal-minuri.

[4] Nota ta' sottomissjonijiet attrici a fol. 237.

**Kapacita' kontrattwali**

Il-Kodici Civili, fl-artikoli 967 sa 973 jirregola l-kapacita' kontrattwali mehtiega sabiex kuntratt ikun vinkolanti anke fil-konfront ta' minorenni. Bhala regola generali, minuri m'ghandhomx il-kapacita' kontrattwali. F'kaz fejn il-minuri ma jkunx ghalaq l-eta` ta' seba' snin, il-kuntratt jitqies li hu null.[5] Fejn il-minuri ikun taht l-eta` ta' erbatax-il sena, il-kuntratt jitqies li huwa null ukoll salv li l-kuntratt ma' minuri li jkun ghalaq l-eta` ta' disa' snin imma mhux l-eta` ta' erbatax-il sena il-kuntratt jiswa għal dawk l-obbligazzjonijiet li ħaddieħor ikun intrabat bihom favur tiegħu.**[6]** Il-posizzjoni ta' minuri li jkun ghalaq l-eta` ta' erbatax-il sena imma mhux l-eta` maggorenni huwa komparabbli ghall-minuri ta' bejn id-disa' snin u l-erbatax-il sena u jitqies li hu null fejn il-minuri ikun taht is-setgha ta' genitur jew kuratur[7], salv il-possibbilta` ta' emancipazzjoni skont il-Ligi.

Izda fil-kaz in ezami, Thea Falzon Garrett lanqas mhi firmatarja tal-ftehim imsemmi u din il-Qorti ghandha thares oltre dawn id-disposizzjonijiet biex tevalwa jekk il-ftehim ikkonkordat mill-genituri taghha, fiz-zmien meta kellhom ir-rapprezentanza taghha *ex lege* jorbot lilha ukoll.

**Setgha tal-Genitur**

Skont l-artikolu **136 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta:

*(3) L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li għandhom jitwettqu miż-żewġ ġenituri flimkien jinkludu -*

[5] Art. 968 Kap.16
[6] Art. 969(2) Kap. 16
[7] Art. 970 Kap 16

*(a) it-trasferiment ta' mobbli minnhom infushom, inkluż vetturi bil-mutur, sabiex il-prezz tagħhom ikun impjegat bi qligħ;*

*(b) il-ġbid ta' kapitali li jkunu għalqu;*

*(ċ) l-għoti ta' jeddijiet personali għat-tgawdija minn proprjetà immobbli;*

*(d) l-aċċettazzjoni ta' wirt, legat jew donazzjoni f'isem it-tifel;*

*(e) il-qsim ta' ħwejjeġ mobbli minnhom infushom;*

*(f) atti li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-qorti skont is-subartikolu (4)."*

Is-subartikolu (4) jiddisponi hekk:

*"Il-ġenituri ma jistgħux jittrasferixxu ħwejjeġ immobbli jew ħwejjeġ mobbli għax hekk tqishom il-liġi u li jkunu proprjetà tat-tifel lanqas ma jistgħu jissellfu jew jagħmlu dejn ieħor f'ismu, jipotekaw jew iwiegħdu l-proprjetà tiegħu, jagħtuha b'garanzija, jidħlu f'xi kompromess, jew jissottomettu kwistjoni għal arbitraġġ, ħlief f'każ ta' bżonn, jew ta' ħtieġa ċara u bis-setgħa tal-qorti u f'kull każ bħal dan, il-qorti tista', fuq talba tal-ġenituri, tawtorizza lil wieħed mill-ġenituri biex jidher għat-tifel fuq l-att relattiv."*

L-atti ta' amministrazzjoni ordinarja jistghu jitwettqu minn kull wiehed mill-genituri individwalment (**art.136(2)**) filwaqt li **l-artikolu 136(3) (a) sa (e)** jelenkaw atti ta' amministrazzjoni straordinarja li jenhtiegu l-kunsens taz-zewg genituri izda mhux l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti, jekk l-att ma jaqax taht l-ezemplari kkontemplati fl-artikolu 136(3)(a) sa (e) u mhuwiex att ta' amministrazzjoni straordinarja, jenhtieg, ghall-validita' tieghu, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Dan ghaliex l-ezami tal-Qorti hija mehtiega sabiex jigi zgurat l-ahjar interess tal-minuri li m'ghandux jigi espost ghall-atti ta' amministrazzjoni fis-sens wiesgha tal-kelma, u li ikunu disposittivi tal-patrimonju tieghu.

Difatti harsa lejn id-disposizzjonijiet 136(3) (a) sa (e) juri li dawn huma atti li jippreservaw il-kapital, jew fejn il-kapital jista' jigi likwidat sabiex ir-rikavat ikun ri-investit ghall-gid tal-minuri, imma certament ma jinkludix, per ezempju, atti aleatorji li, allavolja mhumiex imsemmija f'dawn is-subartikoli, u lanqas fis-subartikolu (4) certament ma jirrientrawx fis-setgha tal-genituri fl-amministrazzjoni tal-gid ta' uliedhom minuri.

L-awtur *Baudry Lacantineri* jittenta definizzjoni tal-atti ta' amministrazzjoni li huma fost is-setghet tal-genitur. Hu jghid :

"*Per atti di amministrazione (noi prendiamo questa parola nel senso piu largo)*[8] *si devono intendere tutti quelli che tendono a conservare, a far fruttare o aumentare il patrimonio del minore, quand'anche siano di natura, per le conseguenza che ne risultano da compromettere lo stesso capitale.*" Ikompli : "*Gli atti di disposizione sarebbero quelli che considerati in se stessi, non tendono a conservare, a far fruttare, a*

[8] Jigifieri huwa iktar wiesgha minn att ta' amministrazzjoni semplici.

*aumentare il capitali del minore, benche' in fatto possano essere per lui vantaggiossisimi."*[9] Skont l-awtur imsemmi, dawn jehtiegu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Illi l-ftehim in ezami hu wiehed bilaterali li johloq obbligazzjonijiet u drittijiet reciproci kemm ghall-agent, kif ukoll ghall-minuri. Min-naha wahda, il-minuri hija marbuta li tahdem biss u esklussivament *tramite* r-rapprezentanza tal-attrici u ghandha tirreferi kull offerta jew opportunita' ta' xoghol fil-kamp artisitiku lill-agent li unikament u eskussivament ikollha l-jedd li tidhol f'negozjati fir-rigward. (klawsola 6).

Inoltre skont il-ftehim, il-minuri hija marbuta li thallas 15% *commission piu*` VAT tad-dhul kollu taghha *oltre* spejjez. Din ir-rata ta' hlas hija dovuta anke wara t-terminazzjoni tal-perjodu ta' sena fuq produzzjonijiet internazzjonali li jkunu gew negozjati mill-agent (klawsoli 4 u 5).

Ikkonsidrat li b'effett ta' dan il-ftehim, il-genituri tal-minuri ddelegaw is-setghat taghhom fuq il-minuri f'dak li hu l-karriera artistika taghha bl-iktar mod wiesgha u ampju lill-terza persuna. Dan il-ftehim, *ossia* kuntratt ta' agenzija jawtorizza lill-*agent* biex jagixxi f'isem il-mandanti (il-genituri) u ghan-nom u in rapprezentanza taghhom f'relazzjoni legali ma' terzi li jaffettwaw lill-minuri.

Fil-fehma tal-Qorti, dan il-ftehim imur *oltre* s-setghat tal-genituri li jagixxu indipendentement mis-sindakar tal-Qorti ghaliex taw lill-agent *carte blanche* li tidhol minflokom f'kuntratti u negozjati li jaffettwaw lill-minuri, minghajr ebda riserva jew kwalifika fl-ahjar interess tal-minuri. Dan imur

---

[9] *Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile 'Delle Persone' Vol.V p. 235*

kontra l-ispirtu tal-Ligi li zzomm l-interessi tal-minuri supremi, u li trid li l-minuri jkunu protetti minn aggravazzjoni tal-patrimonju taghhom. Ghalhekk kien mehtieg li l-ftehim jigi sottopost ghall-gharbiel tal-Qorti sabiex tiddetermina jekk hux vantaggjuz ghall-minuri - liema procedura ma gietx segwita mill-genituri u mill-attrici.

It-tezi tal-attrici trid li jkollha s-setgha (minflok il-genituri) li torbot lill-minuri f'kwalsiasi kuntratt ta' esibizzjoni jew prestazzjoni artistika minghajr il-kontroll tal-Qorti. Hawnhekk *si tratta* mhux biss ta' konsiderazzjonijiet monetarji imma sahansitra tal-integrita' artistika u personali tal-istess minuri - li huma wkoll parti mill-patrimonju taghha - fejn hu mistenni u mehtieg il-kontroll tal-genituri u /jew tal-Qorti.

Ghalhekk il-Qorti tqis li tali ftehim m'ghandu l-ebda validita` legali fil-konfront tal-konvenuta.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet moghtija, **it-tieni eccezzjoni qed tigi milqugha.**

Fid-dawl tal-premess mhux mehtieg li din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-kaz in kwantu hu deciz li Thea Falzon Garrett mhix vinkolata mal-attrici u bhala tali, m'hi obbligata tivversa l-ebda hlas pretiz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni **Tilqa'** it-tieni, it-

tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra u **Tichad** it-talbiet attrici ghar- ragunijiet spjegati.

**L-ispejjez kollha jithallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------